MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 117/2009

A B
vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti kellu relazzjoni ma’ l-intimata C D, u minn din ir-relazzjoni twieled il-muniri E D, fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Awissu tas-sena elfejn u sebgha (2007), u dan kif jidher mic-certifikat ta’ twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok A;
2. Illi l-intimata C D, ad insaputa tar-rikorrenti, irregistrat lill-ulied il-partijiet bhala ‘*father unknown’* u dan kif jdher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok B, u dan kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok B, u dan minkejja il-fatt ili ma kellha l-

ebda dubbju dwar il-paternita tieghu, u ghalhekk ir-rikorrent kellu jintavola procedure quddiem din il-Qorti, fl-ismijiet A B vs C D et (JA 495/2007) sabiex jigi rikonoxxut bhala l-missier;

3. Illi minkejja l-fatt illi huwa rnexxielu jigi rikonoxxut bhala missier il-minuri E, ir-rikorrent ihoss illi huwa ma huwiex qed jinghata access adegwat ghal ibnu u li ma huwiex qed jinghata l-opportunita illi jkun parti mill-hajja ta' ibnu, u dan peress illi l-intimata ma hijiex qed taccetta illi huwa jkun involut fit-trobbija tieghu;

4. Illi ghandu jinghad ukoll illi permezz ta' digriet numru 2069/2008JA datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru 2008, l-esponent inghata access ta' erbgha (4) sieghat fil-gimgha, pendente lite, u li dan id-digriet qed jigi osservat mill-intimata. Madanakollu r-rikorrent ihoss illi huwa jista u ghandu jkollu d-dritt jikkontribwixxi ferm aktar fil-hajja ta' ibnu;

5. Illi minn mindu twieled il-minuri r-rikorrent hallas manteniment ta' mitejn u hamsin Euro (€250) kull xahar, b'mod rigoruz u ghalhekk m'ghandux ikun hemm kwistjonijiet f'dan ir-rigward;

6. Illi r-rikorrent trabba u ghex fl-Istati Uniti ghal tmienja u tletin (38) sena, u gie jghix hawn Malta sabiex ikun qrib ta' ibnu u jkollu l-opportunita li jkun involut fit-trobbija tieghu, b'dan illi halla xogholu, hajtu u familtu hemmhekk;

7. Illi barra minnhekk il-hinijiet tax-xoghol tieghu huma ferm flessibbli u ghandu kull opportunita illi jqatta zmien twil ma ibnu. L-intimata minn naha l-ohra tahdem full time u issa qeghda anki tatendi kors wara l-hinijiet tax-xoghol u ghalhekk il-minuri qed jghaddi l-maggoranza tal-hin mal-familjarji ta' l-intimata. Huwa ghalhekk gie fi stadju fejn sahansitra l-familjari ta' l-intimata qed jghaddu ferm aktar zmien ma ibnu milli qed jinghata l-opportunita illi jaghmel huwa;

8. Illi r-rikorrent huwa persuna responsabbli u ferm affiddabbli u ma tezisti l-ebda raguni la fil-fatt u la fid-dritt ghaliex ghandu jigi mcahhad milli jqatta z-zmien ma ibnu. Jinghad di piu' illi l-hegga tieghu, evidenzjata mill-bidu nett tal-hajja ta' ibnu, specjalment meta huwa telaq mill-Istati Uniti fejn ghex ghal hajtu kollha u gie Malta sabiex ikollu aktar hin biex igawdi lil ibnu u jistabbilixxi relazzjoni tajba

u soda mieghu, huwa fattur illi fl-umli fehma tieghu ghandu jimmilita favur tieghu;

9. Illi r-rikorrent ghamel kull tentattiv imaginabbli sabiex jintlahaq ftehim bonorju bejn il-partijiet, pero' l-intimata baqghet twebbes rasha u tuza kull tip ta' skuza banali biex icahhad lir-rikorrent minn ibnu, l-medjazzjoni kellha tinghalaq (Dok. C) u ghalhekk kellha issir din il-kawza;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna illi l-kura u kustodja legali tal-minuri ghandha tigi fdata lill-partijiet konguntivament;

2. Tordna illi r-rikorrenti ghandu jkun involut fid-decizjonijiet kollha rigwardanti s-sahha u l-edukazzjoni ta' l-imsemmi minuri u li l-intimata tkun obbligata illi tghaddi l-informazzjoni kollha necessarja dwar is-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri meta r-rikorrent jitlob din l-informazzjoni;

3. Tawtorizza lill-missier ikollu access ghal kull dokument relattiv ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri u jkellem kemm tobba kif ukoll ghalliema dwar is-sahha u l-edukazzjoni tat-tifel;

4. Tordna illi r-rikorrent ikun infurmat b'mod immedjat jekk il-minuri ikollu bzonn jidahhal l-isptar jew jircievi kura medika urgenti;

5. Tordna illi l-passaport tal-minuri jinzamm minn dik il-parti illi jkollha l-kura u kustodja tal-minuri, b'dan illi l-ebda wahda mill-partijiet ma jkun jista jsiefer lill-minuri minghajr il-kunsens bil-miktub tal-parti l-ohra;

6. Tordna ili r-rikorrent ikollu access ghall-minuri kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mill-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00pm) sas-sebgha ta' filghaxija (7.00pm) u fil-weekends l-access ikun : gimgha minn nhar ta' Gimgha mill-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00pm) sa nhar ta' Sibt fis-sebgha ta' filghaxija (7.00pm), li fis-sajf il-hin jestendi sat-tmienja ta' filghaxija (8.00pm); u gimgha mis-Sibt mill-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00pm) sal-Hadd fis-sebgha ta' filghaxija (7.00pm), jew sussidjarjament f'dawk il-hinijiet li jigu ffissati minn din il-Qorti, fl-ahjar interess tal-minuri;

7. Tordna illi fil-festi Pubblici kollha, jekk dawn ma jikkoncidux ma' l-access tieghu, ir-rikorrent ikollu access mill-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00pm) sat-tmienja ta' filghaxija (8.00pm);
8. Tordna illi fil-birthday tal-missier u tat-tifel u father's day, jekk dawn ma jikkoncidux ma l-access tieghu, ir-rikorrent jkollu access mill-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00pm) sat-tmienja ta' filghaxija (8.00pm);
9. Tordna illi fil-Milied u fl-ewwel tas-sena l-access tal-missier ikun mill-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00pm) sat-tmienja ta' filghaxija (8.00p.m.) u mid-disgha ta' filghodu (9.00am) sa' l-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00pm), b'mod alternat u li fl-Ghid l-access ikun mill-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00pm) sat-tmienja ta' filghaxija (8.00pm);
10. Tordna illi, la darba il-minuri jibda jattendi l-iskola, fil-vakanzi tal-Milied u ta' l-Ghid il-minuri ghandu jqatta' gimgha shiha kull darba, mar-rikorrent, u li fil-vakanzi tas-sajf ghandu jqatta tlett gimghat mar-rikorrent, kull sena;
11. Tordna illi kemm il-darba il-minuri jkun marid u l-missier ma jkunx jista jezercita l-access kif dekretat minn din il-Qorti, ir-rikorrent ikollu dritt ta' access f'gurnata ohra f'dik l-istess gimgha;
12. Tordna illi f'kaz ta' premorjenza ta' wahda mill-partijiet waqt illi binhom ikun ghadu minuri, il-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata awtomatikament lill-parti superstita;
13. Tordna illi tenut kont tal-fatt li t-tifel ghadu zghir, hadd mill-partijiet m'ghandu jesponih ghall-prezenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma jkunux parentati mal-genitur rispettiv sa kemm il-partijiet ma jizzewgux;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni li minnha twieled E D B fid-29 ta' Awissu 2007 skond kif jirrizulta mic-certifikat anness mar-Rikors Guramentat premess Dok A;
2. Illi l-esponenti kellha 23 years u r-rikorrent, li kien hu l-employer taghha kellu gja 46 sena kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;
3. Illi r-rikorrent kien telaq minn Malta meta hi kienet ghadha li kellha inqas minn tlett xhur tqala u irritorna f'Dicembru 2007, cioe' 4 xhur wara it-twelid tat-tifel;
4. Illi fil-mori kien jheddidha li ser jehdilha it-tifel ghal kollox. L-esponenti kienet tibza minnu u li kien ser iwettaq din it-theddida. Eventwalment u minkejja li kienu gja bdew jitkellmu dwar ftehim, ghazel li jiftah proceduri ghar-rikonoxximent tal-minuri. Kontrarjament ghal dak allegat fir-rikors Guramentat premess, l-esponenti ma sabet ebda oggezzjoni, anzi kienet sorpriza li ghazel li jiftah kawza, u dan kif jdher registrat fl-ewwel eccezzjoni taghha fl-atti tal-kawza fl-istess ismijiet fuq premessi biss it-tifel hu registrat bil-kunjom D B;
5. Illi ir-rikorrent kiengja mizzewweg u annulla iz-zwieg tieghu recentement. Kien ilu jghix l-Amerika ghal madwar 40 sena u ghandu proprjeta immobiljari hemmhekk. Hu bniedem li ihobb jikkontrolla kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni u hekk qed jipprova jaghmel maghha u mat-tifel;
6. Illi sahansitra kien dam madwar hames xhur biex jbda jivversa manteniment ghall-minuri u minkejja li t-tifel kien gie rikoverat ghal darbtejn l-isptar. Xorta ma ikkontriwixxa xejn kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;
7. Illi l-esponenti ilha tikkura it-tifel mit-twelid u l-access tar-rikorrent hu regolat b'Digriet tal-Qorti kompetenti fl-ahjar interess tal-minuri;
8. Illi skond dan id-Digriet, ir-rikorrent odjern ikollu access kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Sibt ghal saghtejn; (Dok A);
9. Illi l-partijiet kienu, qabel ma hareg dan id-Digriet qablu li l-access tar-rikorrent A B ikun bil-presenza ta' persuni ohra fl-ahjar interess tal-minuri;
10. Illi l-esponenti tixtieq li tigi fdata bil-kura u kustodja ta' binha minuri u li jigi regolat l-access u manteniment ghat-tifel kif ukoll aspetti ohra relattivi fl-ahjar interess tal-minuri;

**Eccezzjonijiet :**

1. Illi preliminarjament l-esponenti tissolleva li m'ghandhiex titqies responsabbli ghal ebda spejjez stante in-numru esagerat ta' talbiet dedotti f'din il-kawza li setghu gew ridotti;
2. Illi inoltre il-partijiet kienu waslu ghall-qbil anke fuq access fil-medjazzjojni u eventwalment ukoll l-access kien gie regolat b'Digriet tal-Qorti kompetenti. Fattwalment ir-rikorrent mhux qed ikun veritier kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;
3. Illi fil-mertu l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda stante li l-minuri ghandu jigi fdat fil-kura u kustodja esklussiva tal-esponenti. Dan kien gja gie miftiehem bejn il-partijiet u inoltre hu fl-ahjar interess tal-minuri kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;
4. It-tieni talba attrici ukoll ghandha tigi michuda stante li l-esponenti dejjem hadet hsieb li tikkura lill-minuri. Kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni ir-rikorrent ma jridx ghajr li jikkontrolla hajjitha u qed juza it-tifel ghal dan l-iskop;
5. Illi t-tielet talba attrici kif dedotta gandha ukoll tigi michuda salv li ir-rikorrent jista jigi awtorizzat jottjeni informazzjoni hu stess direttament mill-iskejjel u tobba;
6. Illi r-raba talba attrici hija superfluwa stante li hi regolata bil-Ligi;
7. Illi l-passaport ghandu jinzamm minnha stante li ir-rikorrent odjern ghandu qraba u proprjeta immobiljari barra kif ukoll konnessjonjiet stretti mal-Amerika, u ghalhekk l-affidament tal-passaport f'idejh jista jittiehed bhala opportunita biex jiehu lill-minuri barra minn Malta permanentement kif fil-fatt kien jghid lil esponenti u persuni ohra li ried jaghmel. Ghaldaqstant fic-cirkostanzi fl-ahjar interess tal-minuri ghandu jigi ordnat li ir-residenza u domicilju tal-minuri ghandu ikun Malta u li ir-rikorrent A B ma jkollux il-jedd li jsiefer lill-minuri minghajr il-kunsens bil-miktub tal-esponenti;
8. Illi is-sitt talba attici ghandha ukoll tigi respinta stante li mhux fl-ahjar interess tal-minuri kif jirrizutla waqt it-trattazzjoni u kif gja gie rikonoxxut b'Digrieti ta' din l-Onorabbli Qorti. L-access ta' A B ghandu jigi regolat skond dawk il-modalitajiet li jirrizultaw fl-ahjar interess tal-

minuri fosthom li jigi ikkonfermat id-digriet moghti fit-28 ta' Novembru 2008 (Dok A) u cioe' li l-access tar-rikorrent ikun kull nhar ta' Erbgha bejn il-4.30 pm sas-6.30pm u nhar ta' Sibt bejn l-10.00am sa nofsinhar sakemm it-tifel jaghlaq tlett (3) snin. Inoltre u fl-ahjar interess tal-minuri ir-rikorrent m'ghandux jiehu it-tifel ghall-overnight stays qabel mat-tifel jaghlaq eta stipulat u li ma jkunx inqas minn hames (5) snin u li l-access ikun esercitat darba fost il-gimgha u darba fil-weekend;

9. Illi s-seba, tmien, disgha u ghaxar u hdax il-talba ghandhom jigu respinti kif dedotti u l-access ghandu jigi regolat skond l-ahjar interess tal-minuri fic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-eta tenera tal-minuri u li r-rikorrent m'gahndux jigi fdat bit-tifel ghal sieghat twal kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni u kif hu gja rikonoxxut mill-Qorti b'digriet taghha hawn anness (Dok A);

10. Illi it-tnax-il talba attrici hija superfluwa u intempestiva kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni u sussidjarjament ghandha tigi ikkonsidrata skond l-ahjar interess tal-minuri;

11. Illi it-tlettax il-talba attrici ghandha tigi trattata u deciza fl-ahjar interess tal-minuri. Ir-rikorrent kien gja izzewweg u annullat u l-esponenti hija izghar minnu bi 23 sena.

12. Illi fl-ahjar interess tal-minuri tiffissa retta alimentarja ghall-istess minuri u tordna lir-rikorrent ihallasha dik ir-retta hekk sabbilita b'dawk il-modalitajiet kollha li jidhrilha xieraq inkluz zieda perjodika skond l-Gholi tal-Hajja;

13. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u b'riserva ghall-Kontro Talba taghha ippresentata kontestwalment mal-present;

14. Bl-ispejjez kontra ir-rikorrent ingunt minn issa in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza li saret principalment ghall-kura u l-kustodja tal-minuri E D fejn min-naha tieghu r-rikorrent jikkontendi li din ghandha tkun kongunta b'talbiet ancillari ghall-istess kura u kustodja kif ukoll talba specifika ghall-access ezercitabbli minnu flimkien ma' talbiet ohra relatati ma' granet u zminijiet specifici. Min-naha taghha l-intimata tikkontendi li l-kura u l-kustodja ghandha tigi vestita fiha b'mod esklussiv filwaqt li tikkontendi li kull access li ghandu jinghata lir-rikorrent ghandu jigi deciz skond x'inhu fl-ahjar interessi tal-minuri.

Il-Qorti mill-ewwel tirrileva li kawzi bhal ma hija dik prezenti ghandhom jigu decizi abbazi tal-principju generali tal-ahjar interessi tal-minuri.

**<u>Verzjoni tar-rikorrent</u>**

Ir-rikorrent jghid li ltaqa' mal-intimata f'Settembru 2006 meta gie Malta mill-Istati Uniti ghal gimghatejn izda l-pjan kien li jerga' jirritorna lura sabiex ikompli jghin lil huh fin-negozju tieghu li kienu ghadu qed jibda. L-intimata, li hija s-sekonda kugina tal-attur kienet qed tahdem fin-negozju ta' huh izda qatt ma kienu ltaqghu qabel. Ir-rikorrent jiddiskrivi r-relazzjoni taghhom bhala wahda li ma kienitx stabbli peress li l-intimata kellha persuna ohra f'hajjitha tant li tronkaw ir-relazzjoni taghhom diversi drabi izda wara kienu jergghu jirrangaw. F'Dicembru l-intimata indunat li kienet harget tqila u ghalkemm kienet kuntenta b'din it-tqala, kienet qieghda tibza' wkoll. Ir-rikorrent jghid li hekk kif il-familja tal-intimata saru jafu, "*all hell broke loose*"[1] tant li gieghluha titilqu ghax ma ridux jaccettawh f'hajjet l-intimata kif jirrizulta min-numru ta' *emails* skjambjati bejn il-partijiet esebiti in atti[2]. Jghid ukoll li l-intimata bdiet thoss li din it-tarbija kienet zball u kien f'dan il-kuntest li qalilha li ghalih ma kienet zball xejn u li hu kien

[1] Ara l-affidavit tar-rikorrent a fol 22 tal-process
[2] Ara l-email immarkata bhala Dok. MD4 a fol 35 b'mod partikolari

lest li jiehu hsieb it-tarbija. L-intimata nterpretat dan il-kliem fis-sens li ried jiehdilha t-tarbija meta kull ma ried ifisser kien li ried ikun prezenti fil-hajja tal-istess tarbija li kienet gejja fid-dinja. Izda minhabba s-sitwazzjoni kif kienet (principalment minhabba l-familja tal-istess intimata), r-rikorrent gie mwarrab matul il-kumplament tat-tqala tant li kullhadd kien jaf li twieled it-tifel qabel sar jaf hu u li gie msemmi E. Jghid li ghalkemm l-intimata kienet qaltlu li ma kienitx ser tirregistra lit-tarbija bhala *father unknown* fil-fatt hekk sar. Wara t-twelid tat-tarbija, r-rikorrent iddecieda li jrid jigi jghix f'Malta b'mod permanenti sabiex ikun jista' jkun involut fil-hajja ta' ibnu. Minkejja dan, lanqas ghall-maghmudija ta' ibnu stess ma kien mistieden ghaliex l-intimata ma qaltlux il-hin u d-data tal-maghmudija. Lanqas infurmatu dwar meta l-minuri kellu jidhol l-isptar biex jopera ruhu. L-attur ighid li wara xi zmien l-intimata bdiet thoss ir-rimors tant li hallietu jibda jara lil ibnu u r-relazzjoni ta' bejniethom regghet kompliet izda kollox rega' spicca f'April 2008 meta l-intimata regghet waqqfet ir-relazzjoni taghhom.

Ir-rikorrent jghid li wara li rnexxilu jirrikonoxxi lil E bhala ibnu, bdew il-problemi relatati mal-access tant li l-intimata bdiet tikkontendi li ma kienx kapaci jkun ma' ibnu wahdu u insistiet li tkun prezenti waqt l-istess access. Ir-ragunijiet li kienet qieghda taghtih l-intimata kienu jinbidlu ma' kull konversazzjoni li kien ikollhom bejniethom. Wahda mir-ragunijiet ghaliex l-intimata insistiet li l-access ikun taht supervizjoni kienet dik li bdiet tghid li kienet tibza' li l-attur jiehu lill-minuri barra minn Malta izda r-rikorrent jikkontendi li kienet taf li qata' kull kuntatt mal-Amerika, u mal-hbieb tieghu hemmhekk u halla l-karriera warajh biex ikun vicin ta' ibnu. Ghalkemm ir-rikorrent prova jispjegalha li waqt l-access kien ikun hemm ommu, l-intimata sahansitra anke sostniet li ommu ma kienitx kapaci tiehu hsieb lit-tifel.

Ir-rikorrent jghid ukoll li l-intimata kienet tirrifjuta li tkun mieghu u mat-tifel fil-pubbliku u ghalhekk l-access kien dejjem ristrett ghall-appartament tieghu. Ried jiehu lil ibnu barra fil-ftuh imma l-intimata baqghet qatt ma accettat li l-access jigi ezercitat barra mill-appartament tieghu. Kien

f'dan l-istadju li r-rikorrent intavola proceduri quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta sabiex ikollu access ghal ibnu minghajr supervizjoni. It-talba tieghu giet milqugha.

L-intimata min-naha taghha insistiet li tara u taqra r-rapport tal-psikologu li kienet qed tiehu hsieb lir-rikorrent fil-proceduri ta' annullament tieghu gewwa l-Amerika. Peress li baqghet tinsisti li tarah, ir-rikorrent kellu necessarjament jingagga psiskologu iehor biex jerga' jipprova li ma kien ibati minn ebda inkapacita mentali ghaliex ma riedx li l-ewwel rapport (li kien fih informazzjoni sensittiva dwar iz-zwieg tieghu) jispicca f'idejn il-familja tal-intimata. Ghal darb'ohra, gie kkonfermat mit-tieni psikologu li r-rikorrent ma kien ibati minn ebda *personality disorder* jew xi mard jew kondizzjoni mentali ohra u gie kkonfermat ukoll li kien kapaci jiehu hsieb lit-tifel.

Ir-rikorrent jghid li prezentement qieghed jara lill-minuri skond kif gie dekretat izda jispera li jinghata aktar hin u access ghal ibnu. Jghid ukoll li hija x-xewqa tieghu li jkun involut fil-hajja tal-minuri u li jkun jaf dwar kull aspett ta' hajtu, inkluz l-aspett mediku u l-aspett edukattiv tieghu. Jaghlaq billi jghid li huwa genitur li jrid ikun prezenti fil-hajja ta' ibnu izda ghal ragunijiet varji, l-intimata qieghda zzommu mid-dritt tieghu li jkun missier prezenti f'hajjet ibnu.

**<u>Il-Verzjoni tal-Intimata</u>**

L-intimata tghid li ltaqghet mar-rikorrent fis-sena 2006 meta kienet bdiet tahdem ma' Fifth Avenue, negozju ta' huh. Tghid li ma tiftakarx is-serata meta kellha relazzjoni intima mieghu ghaliex kienet taht l-effett tax-xorb izda ndunat x'kien gara mill-messaggi li kien baghtilha r-rikorrent. Permezz tal-affidavit taghha taghti x'tifhem ukoll li r-rikorrent seta' ghamel apposta biex johrogha tqila meta tghid li wara li staqsietu jekk kienx qaghad attent, ir-risposta tieghu kienet dik li "***accidents do happen***"[3]. Tkompli zzid tghid li kienet giet mgharrfa li kien ilu jipprova

[3] Ara a fol 190 tal-process

jkollu t-tfal mal-mara tieghu u li kellu l-hsieb ukoll li jaddotta. Hekk kif indunat li kienet harget tqila, r-rikorrent kien kuntent filwaqt li tghid li hi kienet inkwetata minhabba ommha u missierha li fil-fatt haduha bi kbira hafna meta saru jafu. Tghid li ma kellhiex relazzjoni ma' A u zzid tghid ukoll li l-genituri taghha kienu qalulha li kienu ser jaccettaw lit-tarbija izda mhux lil A. Fl-istess nifs tghid li kienet iddecidiet li tizzewweg lil A fl-Amerika ghall-gid tat-tarbija izda mbaghad, wara hafna hsieb ikkonkludiet li mhux ser tkun kuntenta u li t-tarbija kienet ser tinduna.

L-intimata tghid ukoll li r-rikorrent beda jheddidha li kien ser jiehu lit-tarbija gewwa l-Amerika u r-risposta taghha dejjem kienet li ma kienitx ser toqghod ghat-theddid tieghu. Tghid ukoll li kien jghajjat maghha quddiem in-nies u darba anke sabbat il-landa taz-zibel mas-saqaf.

Dwar il-maghmudija, l-intimata tghid li ma setghetx tinforma lir-rikorrent bid-data ezatta ghaliex kienet ghadha taht l-effett tac-*Ceserean Section* u zzid tghid ukoll li omm ir-rikorrent kienet taf id-data tal-maghmudija tant li hi attendiet. Dan hu korraborat ukoll bix-xiehda ta' missierha Emanuel D[4]. L-intimata tghid ukoll li ma kienitx irrispondiet it-telefonati tieghu meta t-tifel kien l-isptar ghaliex kienet rieqda jew kienet qed tistrieh.

Dwar ic-certifikat tat-twelid tghid li gie registrat bhala *father unknown* mhux ghax riedet iccahhad lit-tifel minn missieru imma ghaliex dejjem bezghet li jiehu lit-tifel l-Amerika minghajr ma tkun taf. Minkejja kollox riedet li binha jkollu relazzjoni tajba ma' missieru u ghalhekk pruvat tohloq relazzjoni civili mar-rikorrent izda dan tal-ahhar interpreta l-agir taghha fis-sens li haseb li kienu qieghdin flimkien. Tghid li ma kinitx tkun trid li tohrog fil-pubbliku mar-rikorrent sabiex it-tifel ma jinduna b'xejn dwar is-sitwazzjoni ta' bejniethom. Tghid li ma tkellimx lil A b'mod normali minhabba l-agir tieghu pero' fl-istess hin tiddikjara li bl-ebda mod ma trid li d-differenzi ta' bejniethom jaffettwaw lill-minuri.

[4] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 198 tal-process

L-intimata tghid li minkejja dak kollu li ghamel ir-rikorrent, m'ghandha ebda intenzjoni li ccahhdu minn ibnu u zzid tghid ukoll li thoss li ghandha tinforma lil A fejn ghandha x'taqsam kemm is-sahha u anke l-edukazzjoni tat-tifel.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-partijiet fl-ismijiet premessi kellhom relazzjoni u frott tal-istess, nhar id-29 ta' Awwissu 2007 twieled il-minuri E D[5]. Ir-rikorrent jikkontendi li l-intimata qabdet u rregistrat lill-minuri bhala *father unknown*[6] tant li kellu jiehu proceduri legali sabiex jigi rikonoxxut bhala l-missier naturali tal-istess minuri. Dan hu kkonfermat mill-kopja tas-sentenza fl-ismijiet **A B vs C D et**[7]. Sussegwentement l-istess rikorrent inghata access ghal ibnu u qieghed jivversa wkoll is-somma ta' €250 fix-xahar bhala manteniment ghall-istess minuri izda minkejja dan kollu, l-intimata ghadha taghmel minn kollox biex izzomm lir-rikorrent 'il boghod mill-hajja tal-minuri.

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' Sonya Maria Ciantar[8] fejn tghid li r-rikorrent ikun dejjem inkwetat fuq ibnu ghaliex l-intimata ma taghtih ebda informazzjoni dwar sahhtu jew fuq l-edukazzjoni tieghu. Hi issemmi episodju fejn il-minuri kien ma jiflahx u l-intimata tat tort lir-rikorrent ghal dan ghax il-minuri kien kiel bicca qassata tal-irkotta. Huwa ipprova jmur l-isptar u ghand it-tabib izda xorta ma sabhiex. It-tentattivi tieghu sabiex jikkomunika maghha permezz tat-telefon kienu wkoll inutili u meta mbaghad irnexxilu jikkomunika maghha, bdiet tghajjat mieghu. Dan kollu huwa kkorraborat ukoll bix-xiehda ta' Maria Refalo[9]. Kemm Maria Refalo kif ukoll Sonia Maria Ciantar jikkonfermaw li x-xewqa tar-rikorrent hi li jqatta' hafna aktar hin ma' ibnu ghaliex il-hin li ghandu mhux bizzejjed, anke peress li jinhela ftit tal-hin fil-vjaggar.

---

[5] Kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid esebit a fol 6 tal-process
[6] Kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid esebit a fol 7 tal-process
[7] Rikors Guramentat Numru 495/2007 JA

[8] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 36 tal-process
[9] Ara a fol 48 tal-process

Hi tghid ukoll li ma tahsibhiex darbtejn biex thalli u tafda lir-rikorrent ma’ bintha.

Ix-xhud Gemma Refalo wkoll tikkonferma li minn mindu twieled il-minuri, r-rikorrent il-hin kollu jsemmih tant li t-tifel huwa hajtu[10]. Tghid ukoll li peress li r-rikorrent ma jsuqx, tkun hi li twasslu ghall-access (ghalkemm dan isir bil-karozza ta’ huh peress li fiha hemm il-*car seat*) u zzid tghid li r-rikorrent ikun dejjem fil-hin, jekk mhux kmieni biex ikun cert li ma jitlifx hin ma’ ibnu. Ix-xhud tiddikjara wkoll li l-minuri huwa migbud lejn missieru filwaqt li tikkonferma wkoll li hekk kif jispicca l-hin tal-access, l-intimata tiehu lir-rikorrent b’certu rabja.

Hu r-rikorrent, Emmanuel B permezz tal-affidavit tieghu[11] ukoll jikkonferma x-xenarju li jiddiskrivi r-rikorrent fis-sens li ghalkemm il-partijiet xi darba kienu ferhanin flimkien, l-intimata qieghda taghmel minn kollox biex taghmillu hajtu mizerja tant li jikkonferma kif l-intimata zzomm anke informazzjoni dwar meta jkun ma jiflahx il-minuri ghaliha biex izzomm lir-rikorrent fil-ghama dwar il-hajja ta’ ibnu. Jiddiskrivi r-relazzjoni tar-rikorrent ma’ ibnu b’mod posittiv immens u jghid li l-kamra tar-rikorrent hija mimlija *toys* u hwejjeg ta’ ibnu u jibqa’ jispera li jkollu aktar hin ma’ ibnu. Jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li l-unika persuna li jafda ma’ uliedu huwa r-rikorrent stess u jzid jghid li minn mindu twieled il-minuri E, l-istess minuri sar hajtu.

Ix-xhud Joseph B ukoll jikkonferma illi ghalkemm fil-bidu r-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet kienet tajba, wara ddegenerat b’tali mod li l-intimata lanqas biss infurmatu dwar fejn kienet ser twelled it-tarbija taghha[12] (kif tikkonferma wkoll ix-xhud Maria Refalo). Joseph B jikkonferma li r-rikorrent baqa’ jkun imwarrab mill-hajja ta’ ibnu tant li missieru lanqas biss gie infurmat li l-minuri kellu jiddahhal l-isptar. Jghid ukoll li kien ir-rikorrent biss li ha hsieb lil ibnu (li llum ghandu 21 sena) ghaliex ix-xhud, kellu fiducja fih biss. Jikkonferma li halla warajh hajja tajba f’New York biex ikun vicin ta’ ibnu tant li jghid li ghandu kull intenzjoni li

---

[10] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 39 tal-process
[11] Ara a fol 41 tal-process
[12] Ara a fol 45 tal-process

jbiegh l-appartament li ghandu fi New York biex ikun jista' jixtri proprjeta' hawn Malta ghal ibnu. Jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li r-rikorrent huwa missier tajjeb hafna li ghandu relazzjoni tajba immens mal-minuri.

Omm ir-rikorrent tiddiskrivi lil binha bhala ragel ta' maturita' u ta' sapport kbir, tant li tirrakkonta kif kien hu li telaq mix-xoghol ghal erba' xhur sabiex ikun jista' jdur b'missieru li kien marid. Tghid ukoll li binha huwa missier responsabbli tant li jiehu hsieb li d-dar tkun wahda *safe* meta jkun hemm il-minuri u jaghmel minn kollox ghalih. Fi ftit kliem, tiddiskrivi r-relazzjoni ta' bejn il-missier u l-iben b'mod posittiv immens. Ix-xhud tikkonferma x-xewqa tar-rikorrent li jqatta' aktar hin ma' missieru tant li tghid li toffrilu konsolazzjoni billi tghidlu li l-minuri dalwaqt jikber u jibda jfittxu hu stess sabiex iqattghu aktar hin flimkien.

Fr. Sebastian Caruana li kien il-persuna involuta fil-maghmudija tal-minuri, jikkonferma li l-maghmudija kienet wahda privata fis-sens wahda fejn ma saritx quddiesa peress li l-partijiet ma kienux mizzewgin. Jikkonferma wkoll li l-omm kienet qaltlu li missier it-tarbija kienet *unknown* kif jirrizulta minn Dok. SC1[13] esebit in atti u jikkonferma wkoll li sussegwentement, ir-rikorrent kien talab korrezzjoni fic-certifikat tal-maghmudija, liema korrezzjoni saret ukoll hekk kif l-istess xhud gie notifikat biha.

## Dwar l-access

Il-Qorti tirrileva li prezentement l-access ezercitabbli favur ir-rikorrent huwa ta' kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgha ghal saghtejn kull darba u fil-weekend b'mod alternat bejn is-Sibt u l-Hadd mid-9.00am sas-2.00pm[14]. Dan l-access gie emendat tul il-mori tal-kawza fis-sens li r-rikorrent intavola r-rikorsi opportuni sabiex jinghata aktar access ghal ibnu, anke tenut kont tal-fatt li l-istess minuri jghix mal-intimata ommu.

---

[13] Ara a fol 165 tal-process
[14] U dan skond id-digriet datat l-24 ta' Frar 2011 esebit a fol 349 tal-process

Il-Qorti tirrileva li fic-cirkustanzi, anke tenut kont tal-fatt li l-istess minuri qieghed jikber u allura anke l-impenji tieghu ser ikomplu jikbru, ma jidhirx li hemm raguni ghalfejn l-access ta' matul il-gimgha (ghal dak li jirrigwarda x-xhur tax-xitwa u z-zmien tal-iskola) ghandu jigi mibdul u dan anke in vista tal-fatt li sussegwentement ghad-digriet tal-24 ta' Frar 2011 ma jidhirx li kien hemm bdil fic-cirkustanzi tal-partijiet li jistghu iwasslu lill-Qorti sabiex tvarja l-hin tal-access. Madanakollu, l-Qorti tirrileva wkoll li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li jkompli jizviluppa r-relazzjoni ma' missieru u li flimkien ikollhom aktar hin ta' kwalita flimkien specjalment fil-weekend, fiz-zmien tal-vakanzi u fix-xhur tas-sajf meta l-istess minuri ma jkunx qed jattendi l-iskola u ghaldaqstant, l-access f'dan iz-zmien ghandu jigi estiz.

**Dwar il-Kura u l-Kustodja**

Illi l-Qorti taghmel referenza ghar-rikors intavolat mill-intimata datat il-11 ta' Novembru 2009[15] fejn l-istess intimata talbet li tinghata l-kura u l-kustodja tal-minuri *pendente lite*, ghar-risposta tar-rikorrent A B fejn oppona ghal tali talba u talab li l-kura u l-kustodja ghandha tibqa' kongunta kif ukoll ghad-digriet taghha tad-19 ta' Jannar 2010[16] fejn gie dekretat li fic-cirkustanzi *pendente lite* l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tibqa' kongunta.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xiehda ta' Dr. Sandra B datata s-16 ta' Frar 2010[17] fejn tiddikjara li ghamlet ezami lir-rikorrent fosthom ghamlet *assessment* tal-personalita' kif ukoll testijiet bhal *co-parenting skill assessment, stress inventory* u *mental status exam*. Irrizulta li r-rikorrent ma jbati minn ebda *psuchological disorder* u hareg ukoll li minkejja r-relazzjoni ta' bejnu u bejn l-intimata, dan mhux ser jaffettwa r-relazzjoni tieghu mal-minuri ghal dak li jirrigwarda l-*understanding, love and caring* li huwa ghandu ghall-istess minuri. Tikkonkludi billi tghid li "***Mr. B does not suffer from any psychological disorders. Mr. B is a trustworthy person, self-disciplined and assumes responsibility.***

[15] Ara a fol 115 tal-process
[16] Ara a fol 140 tal-process
[17] Ara a fol 158 tal-process

***He has normal and healthy coping skills with a good ego development and emotionally healthy. The battery of tests administered in this psycholigical evalutation conclude that Mr. A B does not suffer from any mental or personality disorders and the conclusion corresponds to Dr. Galea's assessment that Mr. B does not have any clicinally significant personality disorders. There are no psychological problems that are of concern***"[18].

Issir referenza ukoll ghax-xiehda ta' Dr. Michael Galea[19] bhala *clinical psychologist and family therapist* fejn jiddikjara li huwa kien beda jaghmel xi sessjonijiet mar-rikorrent bhala parti mill-process ta' annullament li r-rikorrent kellu ghaddej gewwa l-Amerika. B'referenza ghall-mertu tal-kawza odjerna, l-Qorti taghmel referenza ghar-rapport tieghu Dok. MG1[20] fejn l-istess xhud jiddikjara li r-rikorrent huwa ragel matur, "***able to assume responsibilities and emotionally healthy. No psychological problems have been indicated....he has thus proved to be a very dedicated father and loyal partner for his girlfriend***"[21].

Dr. Michael Galea hejja rapport anke fuq l-intimata[22] fejn wasal ghall-konkluzjoni li hija "***emotionally balanced and psychologically sound and capable to care for her child and give him optimal love as required***".

Illi tenut kont tal-fatt li r-rikorrent m'ghandu ebda kondizzjoni li permezz taghha jista' jipperikola l-hajja jew is-sahha tal-minuri anzi gie pjuttost pruvat li huwa ragel matur u kapaci jiehu hsieb lil ibnu (kif wara kollox irrizulta fuq l-intimata wkoll) u tenut kont ukoll tax-xiehda tal-intimata stess fejn tiddikjara li r-rikorrent jiehu interess kbir f'ibnu u li l-minuri dara' r-rutina u jaf meta jkun imissu jiltaqa' ma' missieru u jkun kuntent b'dan[23], il-Qorti ma

[18] Ara r-rapport esebit a fol 170 tal-process, partikolarment il-konkluzjoni a fol 173 tal-process
[19] Ara a fol 319 tal-process
[20] Ara a fol 324 tal-process
[21] Ara a fol 326 tal-process
[22] Liema rapport huwa mmarkat bhala Dok. MG3 esebit a fol 330 tal-process
[23] Ara x-xhieda tal-intimata datata l-21 ta' Mejju 2011 a fol 358 tal-process

tara ebda raguni ghaliex ghandha tvarja s-sitwazzjoni prezenti u cioe' li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tibqa' kongunta bejn iz-zewg genituri. Jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet huma zewg genituri responsabbli li jridu u jafu jiehdu hsieb lil binhom. Huwa car li l-intimata ghamlet tentattivi sabiex kemm jista' jkun tbieghed lir-rikorrent mill-hajja tat-tarbija (u dan hu manifest mill-fatt li l-istess rikorrent kellu jintavola proceduri ad hoc sabiex jirrikonoxxi lil ibnu meta kien saput li hu verament il-missier biologiku, mir-risposti ghar-rikorsi ta' access li gew prezentati in atti kif ukoll mix-xhieda prodotta li wrew li l-intimata kellha pressjoni kbira ghaliex l-istess rikorrent ma kienx accettat mill-familja taghha) izda jidher li s-sitwazzjoni prezenti hija ferm ahjar minn dik li kienet fiz-zmien li giet intavolata l-kawza tant li hemm komunikazzjoni ahjar bejn il-partijiet li tawgura tajjeb ghall-ahjar interessi tal-minuri, fuq liema principju il-Qorti qieghda tibbaza d-decizjoni taghha.

*F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***M. Bonnici vs Onor J. Raynaud***[24] *fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet* ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[25] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[26] *fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***".*

In vista ta' dak suespost il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha ccahhad lir-rikorrent milli jkun partecipi fil-hajja tal-minuri u tad-decizjonijiet li jridu necessarjament jittiehdu ghan-nom tieghu. Barra minn hekk, il-fatt li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata f'idejn iz-zewg partijiet johloq sens ta' sigurta' anke ghall-intimata li taghmel enfasi kbira fuq il-fatt li r-rikorrent ghandu xi familjari gewwa l-Amerika u tibza' li jiehu lit-tifel lura barra minn Malta minghajr il-kunsens taghha. Il-Qorti tirrileva li

[24] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[25] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972
[26] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

mix-xhieda prodotta ma jirrizultax li r-rikorrent qatt kellu l-intenzjoni li jahrab bil-minuri barra minn Malta u dan ghaliex jidher car li kliem ir-rikorrent (meta sostna li jekk l-intimata thoss li t-tarbija hija zball kellha taghtih lilu) gie misinterpretat. Tant hu hekk li l-intimata qatt ma intavolat proceduri sabiex timpedixxi lir-rikorrent milli jsiefer bil-minuri. Dan juri wkoll li fil-verita', r-rikorrent qatt ma kellu tali intenzjoni kif wara kollox tikkonferma l-intimata stess meta tghid li "***f'dawn l-ahhar sentejn qatt ma tani raguni biex ikolli din il-biza'***"[27]. Huwa minnu li r-rikorrent ghandu familjari gewwa l-Amerka u halla hajja tajba hemmhekk biex jghix fl-istess pajjiz ma' ibnu pero' dan ma jaghtix prova tal-intenzjoni tieghu li jitlaq 'il barra bit-tifel. Anzi l-fatt li l-istess intavola l-kawza odjerna u mexa skond il-parametri li taghtih il-ligi juri proprju l-kuntrarju.

**Dwar il-manteniment**

Illi il-Qorti taghmel referenza ghar-rikors promotur fejn ir-rikorrent jiddikjara li kien qieghed ihallas is-somma ta' €250 fix-xahar bhala manteniment ghal ibnu. Permezz ta' rikors intavolat mill-intimata datat il-11 ta' Novembru 2009[28], il-Qorti giet mitluba tiffissa manteniment li ghandu jithallas mir-rikorrent missieru u wara li din il-Qorti qieset l-ahjar interessi tal-minuri u d-dokumenti esebiti kemm mar-rikors tal-istess intimata kif ukoll mar-risposta da parti tal-missier, permezz ta' digriet datat id-19 ta' Jannar 2010[29] gie dekretat li l-manteniment dovut ghandu jkun dak ta' €250 kull erba' gimghat flimkien ma' nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni u spejjez extra-kurrikulari tal-minuri.

Illi wara li rat l-FS3 relattiva ghas-sena 2009[30], Dok. MD1 esebit in atti[31] flimkien mal-provi kollha, u anke tenut kont tal-fatt li l-minuri ser ikompli jirrisjedi flimkien mal-intimata ommu kif wara kollox ilu jaghmel minn kemm ilu li twieled, il-Qorti ma tara ebda raguni sabiex tvarja tali ammont, anke tenut kont li l-istess manteniment m'huwiex kunsidrat

[27] Ara x-xhieda tal-intimata datata l-21 ta' Mejju 2011 a fol 360 tal-process
[28] Ara a fol 115 tal-process
[29] Ara a fol 140 tal-process
[30] Esebita a fol 227 tal-process
[31] Ara a fol 234 tal-process

bhala manteniment minimu hekk kif bazat fuq paga minima.

Ghalhekk, fid-dawl ta’ dak citat, din il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E B f’idejn iz-zewg partijiet konguntivament b’dan illi l-istess minuri jghix mal-intimata ommu;

2. Tilqa’ t-tieni talba;

3. Tilqa’ t-tielet talba;

4. Tilqa’ r-raba’ talba;

5. Tordna li l-passaport tal-minuri jinzamm mill-intimata b’dan illi ghandu jinkiseb il-kunsens bil-miktub taz-zewg partijiet sabiex il-minuri jkun jista’ jsiefer;

6. Tordna li l-access favur ir-rikorrent ghall-minuri ghandu jkun bil-mod segwenti:

Fix-xitwa u fiz-zmien tal-iskola: kull nhar ta’ Tnejn u kull nhar ta’ Erbgha ghal saghtejn kull darba filwaqt li fil-weekend l-access ikun bejn il-Gimgha mill-4.00pm sal-ghada s-Sibt fis-7.00pm jew bejn is-Sibt mill-4.00pm sal-ghada l-Hadd fis-7.00pm b’mod alternattiv.

Fis-sajf u fi zmien il-vakanzi: kull nhar ta’ Tnejn u kull nhar ta’ Erbgha ghal tliet sieghat kull darba filwaqt li fil-weekend l-access ikun bejn il-Gimgha mill-4.00pm sal-ghada s-Sibt fit-8.00pm jew bejn is-Sibt mill-4.00pm sal-ghada l-Hadd fit-8.00pm b’mod alternattiv.

7. Tilqa’ s-seba’ talba;

8. Tilqa’ t-tmien talba;

9. Tilqa’ d-disa’ talba;

10. Tichad l-ghaxar talba;

11. Tichad il-hdax il-talba;

12. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba *stante* li dawn m’humiex proceduri idoneji sabiex tigi deciza u milqugha tali talba;

13. Tichad it-tlettax il-talba *stante* li l-partijiet m’humiex mizzewgin.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------